VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,523, 19 ta' Jannar, 2016
Taqsima B

A.L. 24 tal-2016

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2016 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Arts in Ageing and Dementia Studies – M.A. - taħt il-patroċinju tal-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2016 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master of Arts in Ageing and Dementia Studies – M.A. - taħt il-patroċinju tal-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor –

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà;

"il-Bord tal-Istudji" tfisser il-Bord tal-Istudji maħtur mis-Senat għall-Kors, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Master of Arts in Ageing and Dementia Studies – M.A.;

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għall-grad ta' Master of Arts in Ageing and Dementia Studies – M.A.;

"il-Postgraduate Diploma" tfisser il-Postgraduate Diploma in Ageing and Dementia Studies – P.G.Dip.; u

VERŻJONI ELETTRONIKA

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad.

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew fi Frar 2016 jew wara.

Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

3. (1) Il-Kors ikun miftuħ għall-applikanti li għandhom grad ta' Bachelor miksub minn din l-Università jew minn università oħra rikonoxxuta mis-Senat, tal-anqas fit-Tieni Klassi bl-Unuri jew fit-Tieni Kategorija.

(2) Id-dħul tal-applikanti jista' jkun kondizzjonalment skont ir-riżultat ta 'intervista mmexxija minn bord tal-intervisti maħtur għal dan il-għan.

(3) Il-bord għall-intervisti maħtur mill-Bord għandu jkun magħmul tal-anqas minn tliet membri.

(4) Is-Senat, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord, għandu jiddetermina l-għadd ta' applikanti li jistgħu jitħallew jirreġistraw għall-Kors, skont id-disponibbilità tar-riżorsi. L-għadd ta' postijiet disponibbli għandu jkun imħabbar fiż-żmien tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

(5) Meta l-għadd ta' postijiet ikun limitat u l-għadd tal-applikanti eliġibbli jkun qabeż l-għadd ta' postijiet disponibbli, l-applikanti jiġu magħżula skont il-kriterji li ġejjin, li l-piż tagħhom ikun ippubblikat fiż-żmien tas-sejħa għall-applikazzjonijiet:

(a) it-tip u l-klassifikazzjoni tal-grad;
(b) l-esperjenza fil-qasam tal-istudju propost; u
(ċ) il-livell milħuq waqt l-intervista..

(6) Għall-għan tal-għażla, l-applikanti li jiksbu l-kwalifiki tagħhom skont kif stipulat fil-paragrafu (1) ta' dan l-ordinament sad-data li tkun imħabbra fiż-żmien tas-sejħa tal-applikazzjonijiet għandhom jitqiesu l-ewwel.

It-Tul tal-Kors

4. Il-Kors għandu jinfirex fuq tliet semestri ta' studju fuq bażi *full-time* jew l-ekwivalenti fi studju fuq bażi *part-time*.

Il-Programm ta' Studju

5. l-programm ta' studju għandu jikkonsisti minn taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati total ta' 90 krettu ECTS, li minnhom 60 krettu ECTS huma assenjati għal taqsimiet studju mgħallma u 30 krettu ECTS huma assenjati għat-taqsima tad-dissertazzjoni.

VERŻJONI ELETTRONIKA

6. L-istudenti li jiksbu s-60 krettu assenjati għat-taqsimiet studju mgħallma b'marka medja ta' mill-anqas 50% u ma jkomplux il-Kors, jew wara li komplew ma jkunux spiċċaw b'suċċess id-dissertazzjoni, ikunu eliġibbli għall-għoti tal-Postgraduate Diploma.

7. Il-programm ta' studju għandu jkun ippubblikat wara l-approvazzjoni tas-Senat, normalment mhux anqas minn tmien xhur qabel il-bidu tal-Kors.

Il-Valutazzjoni u l-Progress

8. (1) Il-valutazzjoni tat-taqsimiet studju mgħallma għandha tkun kompluta sal-aħħar tas-semestru li fih ikun sar it-tagħlim tat-taqsimiet studju.

(2) Dawk l-istudenti li f'xi sena akkademika jeħlu fil-valutazzjoni ta' mhux aktar minn 20 krettu ECTS għal taqsimiet studju mgħallma, jekk qegħdin isegwu l-Kors fuq bażi *full-time*, jew mhux aktar minn 10 kretti ECTS jekk qegħdin isegwu l-Kors fuq bażi *part-time*, jingħataw l-opportunità li jagħmlu mill-ġdid il-valutazzjonijiet li weħlu minnhom matul is-sessjoni tal-eżamijiet supplimentari ta' Settembru.

(3) L-istudenti li jeħlu f'aktar mill-għadd ta' kretti permess skont il-paragrafu (2) ta' dan l-ordinament jew l-istudenti li wara valutazzjoni mill-ġdid ma jiksbux il-kretti għal xi taqsima studju jkunu meqjusa li weħlu mill-Kors.

Id-Dissertazzjoni

9. (1) L-istudenti huma meħtieġa jippreżentaw dissertazzjoni individwali ta' madwar 25,000 kelma skont il-linji gwida maħruġin mill-Bord tal-Istudji.

(2) Ix-xogħol fuq id-dissertazzjoni għandu jsir matul it-tielet semestru tal-Kors. Kull student ikun assenjat superviżur li għandu jipprovdi gwida u pariri fuq bażi regolari waqt il-perijodu ta' studju.

(3) It-titlu provviżorju tad-dissertazzjoni u l-proposta ta' riċerka dettaljata għandhom ikunu sottomessi għall-approvazzjoni tal-Bord tal-Istudji qabel il-bidu tat-tieni semestru.

10. (1) L-istudenti jkunu meħtieġa jżommu kuntatt regolari mas-superviżur tagħhom.

(2) Is-superviżuri għandhom jibgħatu lill-Bord tal-Istudji rapport dwar il-progress ta' kull student taħt is-superviżjoni tagħhom fit-tmiem ta' kull semestru ta' studji, kemm jekk l-istudent qiegħed isegwi l-Kors fuq bażi *full-time* jew fuq bażi *part-time*. Dawn ir-rapporti jistgħu jinkludu rakkomandazzjoni li jew (a) jittawwal il-perijodu ta' studju biex l-istudent ikun jista' jtemm id-dissertazzjoni; jew (b) jintemmu l-istudji qabel il-waqt jekk is-superviżur jidhirlu li dan huwa xieraq fiċ-ċirkostanzi, sakemm li:

VERŻJONI ELETTRONIKA

(i) l-estensjoni tal-perijodu ta' studju msemmija f'(a) tkun skont il-provvedimenti tar-Regolamenti Prinċipali; u

(ii) il-Bord ma jistax itemm l-istudji qabel il-waqt skont (b) jekk qabel ma jkunx ta opportunità lill-istudent biex jiddefendi l-każ tiegħu.

Il-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximenti

11. Il-Marka Medja Finali Mwieżna għall-iskop tal-klassifikazzjoni tal-Postgraduate Diploma u tal-Grad għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba fil-komponenti kollha tal-programm ta' studju, bil-kretti kollha jingħataw piż indaqs.

Il-Provvedimenti Speċjali għall-Korsijiet fuq Bażi *Part-Time*

12. Il-provvedimenti tal-ordinamenti preċedenti għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-korsijiet li jsiru fuq bażi *part-time*, u suġġett għal dawk it-tibdiliet li jistgħu raġonevolment jitqiesu mill-Bord tal-Istudji bħala neċessarji minħabba n-natura *part-time* tal-Kors.